TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 95/18/F

**Rita Bone**

**vs**

**Quality Laundry & Dry Cleaning**

Illum 4 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Ġunju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett mija u ħamsa u sittin Ewro (€365), rappreżentanti l-prezz ta' libsa li allegatament wara li sarilha d-dry cleaning ġralha l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet il-libsa għal dry cleaning, u wara li ġabet lura din il-libsa, kellha diversi nuqqasijiet u difetti fiha, riżultat tad-dry cleaning.

L-intimat issottometta illi minħabba l-fatt meta ġiet għal dry cleaning, il-libsa kellha diversi nuqqasijiet u li kellha kulur abjad u iswed, ma sariliex id-dry cleaning, u li reġgħu bagħtuha lura, u li allura qatt ma setgħu jagħmlu ebda difett jew ħsara lil libs,a għax ma sariliex il-proċess ta' dry cleaning.

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn il-verżjonijiet irid jara lil min se jemmen, pero' qed jemmen il-verżjoni tas-soċjeta' ntimata li m'għamlitx il-proċess ta' dry cleaning.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**